POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2008/187/PESK

tat-3 ta' Marzu 2008

dwar miżuri restrittivi kontra l-gvern illegali ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) B'ittra datata l-25 ta' Ottubru 2007 indirizzata lis-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli, il-President tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Afrikana (UA) talab l-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għas-sanzjonijiet li l-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà ta' l-Unjoni Afrikana ddeċieda li jimponi fl-10 ta' Ottubru 2007 kontra l-awtoritajiet illegali ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros, konsegwentement għall-elezzjonijiet Presidenzjali li saru hemm f'kondizzjonijiet mhux sodisfaċenti.

(2) L-Unjoni Ewropea għandha tappoġġja d-deċiżjoni ta' l-UA li timplimenta sanzjonijiet kontra l-gvern illegali ta' Anjouan u persuni assoċjati miegħu, f'rispons għar-rifjut persistenti tagħhom li jaħdmu lejn il-ħolqien ta' kondizzjonijiet li huma favorevoli għal stabbiltà u rikonċiljazzjoni fil-Komoros, u bil-ħsieb li l-awtoritajiet illegali ta' Anjouan jaċċettaw li l-elezzjonijiet il-ġodda għandhom ikunu kredibbli, trasparenti u mmexxijin sew.

(3) Tenħtieġ azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fi, jew it-transitu fit-territorji tagħhom tal-membri tal-gvern illegali ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Anjouan") u persuni assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 mhux ser jobbliga Stat Membru jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess milli jidħlu fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn Stat Membru hu marbut b'obbligu ta' dritt internazzjonali, jiġifieri:

(a) bħala pajjiż li jospita organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;

(b) bħala pajjiż li jospita konferenza internazzjonali mlaqqgħa minn, jew taħt l-awspiċi ta', in-Nazzjonijiet Uniti;

(c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew

(d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni ta' l-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

4. Il-paragrafu 3 għandu japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiz li jospita l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skond il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti fil-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun iġġustifikat abbażi ta' ħtieġa umanitarja urġenti, jew abbażi ta' attendenza f'laqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi mill-Unjoni Ewropea, fejn jitmexxa djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt f'Anjouan.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni ser tiġi kkunsidrata bħala mogħtija ħlief jekk wieħed jew aktar mill-Membri tal-Kunsill jagħmel oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika ta' l-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew iżjed mill-membri tal-Kunsill iqajjem oġġezzjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. F'każijiet fejn skond il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul jew transitu fit-territorju tiegħu ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih hija ġiet mogħtija u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għal, li huma l-proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-membri individwali tal-gvern illegali ta' Anjouan, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp assoċjat magħhom, kif elenkat fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom ikunu disponibbli direttament jew indirettament jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Anness.

3. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li jsiru disponibbli ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li tqis xierqa, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums ta' l-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġonevoli u r-rimborż ta' spejjeż assoċjati ma' l-għoti ta' servizzi legali;

(c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi għaż-żamma ta' rutina jew il-manteniment ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi;

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika r-raġunijiet li għalihom jikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni mill-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

4. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika b'żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) interessi jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti skond kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew inħolqu qabel id-data li fiha dawn il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi,

sakemm kwalunkwe tali interess, qligħ u pagament ieħor ikomplu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 3

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'uninamita' fuq proposta minn Stat Membru jew il-Kummissjoni, għandu jadotta modifiki għal-lista li tinsab fl-Anness kif meħtieġ skond żviluppi politiċi f'Anjouan.

Artikolu 4

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tapplika għal perijodu ta' 12-il xahar. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġi revokata, imġedda jew emendata kif xieraq, fid-dawl ta' żviluppi politiċi f'Anjouan.

Artikolu 5

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 6

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Marzu 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

J. PODOBNIK

ANNESS

Lista ta' membri tal-gvern illegali ta' Anjouan u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif imsemmija fl-Artikoli 1 u 2

Isem	Mohamed Bacar
Sess	M
Funzjoni	President awto-proklamat
Titolu	Ġeneral
[Post tat-twelid]	Barakani
Data tat-twelid	5.5.1962
Numru tal-passaport	01AB01951/06/160, data tal-ħruġ: 1.12.2006
Isem	Jaffar Salim
Sess	M
Funzjoni	"Ministru tal-Intern"
[Post tat-twelid]	Mutsamudu
Data tat-twelid	26.6.1962
Numru tal-passaport	06BB50485/20 950, data tal-ħruġ: 1.2.2007
Isem	Mohamed Abdou Madi
Sess	M
Funzjoni	"Ministru għall-Kooperazzjoni"
[Post tat-twelid]	Mjamaoué
Data tat-twelid	1956
Numru tal-passaport	05BB39478, data tal-ħruġ 1.8.2006
Isem	Ali Mchindra
Sess	M
Funzjoni	"Ministru għall-Edukazzjoni"
[Post tat-twelid]	Cuvette
Data tat-twelid	20.11.1958
Numru tal-passaport	03819, data tal-ħruġ 3.7.2004
Isem	Houmadi Souf
Sess	M
Funzjoni	"Ministru għas-Servizz Ċivili"
[Post tat-twelid]	Sima
Data tat-twelid	1963
Numru tal-passaport	51427, data tal-ħruġ 4.3.2007
Isem	Rehema Boinali
Sess	M
Funzjoni	"Ministru għall-Enerġija"
[Post tat-twelid]	
Data tat-twelid	1967
Numru tal-passaport	540355, data tal-ħruġ 7.4.2007
Isem	Dhoihirou Halidi
Sess	M
Titolu	Direttur tal-Kabinet.
Funzjoni	Uffiċjal Superjuri ferm assoċjata mal-gvern illegali ta' Anjouan
[Post tat-twelid]	Bambao Msanga
Data tat-twelid	8.3.1965
Numru tal-passaport	64528, data tal-ħruġ 19.9.2007

Isem	Abdou Bacar
Sess	M
Titolu	Lieutenant-Colonel
Funzjoni	Uffiċjal Militari Superjuri, strumentali fl-appoġġ għall-gvern illegali ta' Anjouan
[Post tat-twelid]	Barakani
Data tat-twelid	2.5.1954
Numru tal-passaport	54621, data tal-ħruġ 23.4.2007